**103. L-Onor Eddie Fenech Adami, Prim Ministru jipproponi:-**

Illi l-Kamra tad-Deputati:-

Peress li wara li saru n-negozjati bejn l-istati membri ta' l-Unjoni Ewropea, l-istati li se jsiru parti mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 kif ukoll l-Iżlanda, Leichtenstein u n-Norveġja, fl-14 ta' Ottubru 2003 Malta (flimkien ma' l-istati membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-istati l-oħra li se jsiru parti mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004) ffirmat fil-Lussemburgu t-Trattat dwar it-Tkabbir taz-Zona Ekonomika Ewropea, filwaqt li l-Iżlanda, Leichtenstein u n-Norveġja ffirmaw dan l-istess Trattat fil-11 ta' Novembru 2003 f'Leichtenstein;

Peress li dan it-Trattat jeħtieġ li jiġi rratifikat mill-partijiet kollha sabiex jiġi fis-seħħ

Peress li bis-saħħa ta' l-artikolu 2(2) ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460) il-Prim Ministru jista' jagħmel ordni sabiex trattat speċifikat fl-ordni jitqies bħala ħaġa waħda mat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea;

Peress li l-istess artikolu jipprovdi li l-ebda ordni bħal dik ma tista' ssir qabel ma abbozz ta' l-istess ikun approvat b'riżoluzzjoni tal-Kamra;

Peress li l-Prim Ministru beħsiebu joħroġ ordni fuq kif imsemmi li abbozz tiegħu qiegħed jiġi anness ma' din ir-riżoluzzjoni;

U peress illi l-istess artikolu jipprovdi li tali riżoluzzjoni għandha tiġi l-ewwel sottomessa għall-eżami mill-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Barranin (jew dak il-Kumitat Permanenti li minn żmien għall-ieħor jissostitwixxi l-istess Kumitat) u li għandu jiltaqa' fi żmien ħmistax-il jum minn meta tkun ġiet intavolata l-mozzjoni, f'liema terminu għandu jsir rapport lill-Kamra dwar il-mozzjoni u d-diskussjoni dwarha f'dak il-Kumitat mill-president tiegħu, u l-Kamra għandha mal-preżentazzjoni ta' dak ir-rapport, tipproċedi minnufih biex tivvota fuq il-mozzjoni mingħajr diskussjoni;

Peress illi fis-27 ta' Jannar 2004 il-Prim Ministru ta avviż ta' din il-mozzjoni li ġiet sottomessa għall-eżami kif fuq ingħad;

Għalhekk issa din il-Kamra tirriżolvi li tawtorizza l-ħruġ ta' l-ordni mill-Prim Ministru li abbozz tagħha jinsab anness ma' din ir-riżoluzzjoni.

27.1.04

**L.N. of 2004** **Prime Minister**

**EUROPEAN UNION ACT, 2003**
**(ACT NO. V OF 2003)**

**The European Economic Area Enlargement Treaty Order, 2004**

IN exercise of the powers conferred by sub-article (2) of article 2 of the European Union Act, 2003, the Prime Minister has made the following Order:-

**Citation.**

**1.** The title of this Order is the European Economic Area Enlargement Treaty Order, 2004.

**Interpretation**

**2.** In this Order, unless the context otherwise requires -

"the Act" means the European Union Act, 2003

"the Specified Treaty" means The European Economic Area Enlargement Treaty signed by the Member States of the European Union, Malta and the other states that would be acceding to the European Union on the 1 May 2004 in Luxembourg on the 14th October 2003 and signed by Iceland, Leichtenstein and Norway in Leichtenstein on the 11th November 2003

"the Treaty" has the same meaning as is given to the expression in sub-article (1) of article 2 of the Act.

**Ratification of the Specified Treaty to be regarded as one with the Treaty.**

**3.** For the purpose of sub-article (2) of article 2 of the Act, it is hereby declared that the specified Treaty shall be regarded as one with the Treaty.